Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 8th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

582

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Mejju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 593/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Catherine Mamo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Catherine Mamo a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Marzu, 2023

Lil Catherine Mamo (KI 176666M) ta' 42, Melathron, Fl. 2, Triq in-Naxxar, San Ġwann

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,713.62, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000170444 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 1B, Blk B, Micallef Sultana, Triq Bella Vista, San Ġwann.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-

By means of a decree of the 31st May, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 593/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Catherine Mamo the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Catherine Mamo in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th March, 2023

To Catherine Mamo (ID 176666M) of 42, Melathron, Fl. 2, Triq in-Naxxar, San Ġwann

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,713.62, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regard the utility bills number 411000170444 regarding the premises Flt 1B, Blk B, Micallef Sultana, Triq Bella Vista, San Ġwann.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default

ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 8th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

583

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 321/2023AF, li ġie ppreżentat fl-24 ta' Marzu, 2023, fl-ismijiet: Vella Carmela et vs Marden Josephine, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 495A et seq. tal-Kap.16, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Carmela Vella (KI 563432M), Grace Magri (KI 863936M), Alfred Muscat (KI 539544M) u martu Dolores Muscat (KI 543081M), Judas Thaddeus sive Edwin Muscat (KI 86050M) f'ismu proprju u għan-nom tal-assenti Salvina Lauria (KI 158535M) u żewġha Spiridione Lauria (passaport Kanadiż numru HN123470), Angiolina sive Juliette Muscat (KI 565855M) mart l-istess Edwin Muscat, Patricia Stellini (KI 298162M), Julie Camilleri (KI 250563M), Mary Azzopardi (KI 538364M), George Muscat (KI 311970M), Anna Zammit (KI 232176M), Trudie Muscat (KI 241984M), Christopher George Muscat (KI 51271M), u Stephanie Muscat (KI 34376M)

vs

L-assenti Josephine Marden (passaport Malti numru 704034667) residenti l-Awstralja

Rikors ta' Carmela Vella, Grace Magri, Alfred Muscat u martu Dolores Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' Salvina Lauria u żewġha Spiridione Lauria, Angiolina sive Juliette Muscat mart l-istess Edwin Muscat, Patricia Stellini, Julie Camilleri, Mary Azzopardi, George Muscat, Anna Zammit, Trudie Muscat, Christopher George Muscat, u Stephanie Muscat, skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, in the records of the Sworn Application number 321/2023AF, which was filed on the 24th March, 2023, in the names: Vella Carmela et vs Marden Josephine, the following publication was ordered in terms of Article 495A et seq. of Cap. 16, for the purpose of service of the respondent.

In the First Hall Civil Court

Carmela Vella (ID 563432M), Grace Magri (ID 863936M), Alfred Muscat (ID 539544M) and his wife Dolores Muscat (ID 543081M), Judas Thaddeus sive Edwin Muscat (ID 86050M) in his own name and on behalf of the absent Salvina Lauria (ID 158535M) and her husband Spiridione Lauria (Canadian passport number HN123470), Angiolina sive Juliette Muscat (ID 565855M) wife of the same Edwin Muscat, Patricia Stellini (ID 298162M), Julie Camilleri (ID 250563M), Mary Azzopardi (ID 538364M), George Muscat (ID 311970M), Anna Zammit (Anna) ID 232176M), Trudie Muscat (ID 241984M), Christopher George Muscat (ID 51271M), and Stephanie Muscat (ID 34376M)

vs

The absent Josephine Marden (Maltese passport number 704034667) residing in Australia

Application of Carmela Vella, Grace Magri, Alfred Muscat and his wife Dolores Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat in his own name and in the name and in representation of Salvina Lauria and her husband Spiridione Lauria, Angiolina sive Juliette Muscat wife of the same Edwin Muscat, Patricia Stellini, Julie Camilleri, Mary Azzopardi, George Muscat, Anna Zammit, Trudie Muscat, Christopher George Muscat, and Stephanie Muscat, according to the provisions of Article 495A of the Civil Code (Kap. 16 of the Laws of Malta).

Jesponu bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent Judas Thaddeus sive Edwin Muscat huwa debitament awtorizzat jaġixxi f'din il-proċedura in rappreżentanza tar-rikorrenti Salvina Lauria u żewġha Spiridione Lauria, residenti Toronto, l-Kanada, a tenur tal-prokura ffirmata quddiem il-Konslu Ġenerali ta' Malta f'Toronto l-Kanada nhar l-10 ta' Jannar 2023 ('Dok. A');

2. Illi l-kontendenti huma lkoll komproprjetarji tal-utili dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin (150) sena li beda jiddekorri fit-28 ta' Diċembru, 1897, ta' porzjon diviż ta' art tal-kejl ta' ċirka elf u sbatax-il metru kwadru (1,017m$^2$) formanti parti mill-għalqa msejħa Ta' Bordin, fi Triq Clarence, Gwardamanġa limiti tal-Imsida, drabi oħra riferuta bħala limiti Tal-Pietà, li fuqha jinstabu s-segwenti mmobbli:

i) il-korp bini bl-arja kollha tiegħu u bis-sottoswol li jikkonsisti f'maisonette li jinsab fil-pjan terran bin-numru uffiċjali 43 u magħruf bl-isem 'Doris', u f'maisonette fl-ewwel sular bin-numru uffiċjali 41 u bl-isem 'Rosie', it-tnejn aċċessibbli minn entraturi indipendenti għalihom fi Triq Clarence, l-Imsida;

ii. il-korp bini bl-arja kollha tiegħu u bis-sottoswol li jikkonsisti f'maisonette li jinsab fil-pjan terran bin-numru uffiċjali 37 u magħruf bl-isem 'Lucky', u f'maisonette fl-ewwel sular bin-numru uffiċjali 39 u bl-isem 'Happy', it-tnejn aċċessibbli minn entraturi indipendenti għalihom fi Triq Clarence, l-Imsida;

iii. il-korp bini bl-arja kollha tiegħu u bis-sottoswol li jikkonsisti f'maisonette li jinsab fil-pjan terran bin-numru uffiċjali 35 u magħruf bl-isem 'Saint Joseph', u f'maisonette fl-ewwel sular bin-numru uffiċjali 33 u bl-isem 'Saint Mary', it-tnejn aċċessibbli minn entraturi indipendenti għalihom fi Triq Clarence, l-Imsida. Din tal-aħħar tinstab mikrija lil Alfred u Mary konjuġi Mercieca permezz ta' ftehim ta' lokazzjoni ta' qabel is-sena 1995;

iv. il-garaxx bin-numru uffiċjali 31 u bl-isem 'Gregory Garage', bl-arja kollha tiegħu u u bis-sottoswol, aċċessibbli minn entratura fi Triq Clarence, l-Imsida, liema garaxx jinstab mikri lil Alex Gregory permezz ta' ftehim ta' lokazzjoni ta' qabel is-sena 1995; u

v. il-korp bini bl-arja kollha tiegħu u bis-sottoswol li jikkonsisti f'żewġ garaxxijiet bin-numri uffiċjali 25 u 27 rispettivament, u f'maisonette fl-ewwel sular bin-numru uffiċjali 29 u bl-isem 'Muscat Flats', liema garaxxijiet huma aċċessibbli minn entratura indipendenti fi Triq Clarence, u l-maisonette aċċessibbli minn entratura indipendenti għalih fi Triq Clarence, l-Imsida. Il-garaxx bin-numru uffiċjali 25 jinstab mikri lil Alex Gregory permezz ta' ftehim ta' lokazzjoni ta' qabel is-sena 1995;

Respectfully submit:

1. That the applicant Judas Thaddeus sive Edwin Muscat is duly authorised to act in this procedure in representation of the applicant Salvina Lauria and her husband Spiridione Lauria, residing in Toronto, Canada, in terms of the power of attorney signed before the Consul General of Malta in Toronto, Canada on the 10th January 2023 ('Doc. A');

2. That the parties are all co-owners of the temporary utile dominium for the remaining period from one hundred fifty (150) years which commenced on the 28th December, 1897, of a divided portion of land measuring ċirka one thousand seventeen square metres (1,017m$^2$) forming part of the field known as Ta 'Bordin, in Triq Clarence, Gwardamangia limits of Msida, sometimes referred to as limits of Tal-Pietà, on which the following immovables are found:

i. the building block with its whole airspace and underlying ground consisting of a maisonette situated in the ground floor with official number 43 and known as 'Doris', and a maisonette on the first floor with official number 41 and named 'Rosie', both accessible from independent entrances in Triq Clarence, Msida;

ii. the building block with its whole airspace and underlying ground consisting of a maisonette situated in the ground floor with official number 37 and known as 'Lucky', and a maisonette on the first floor with official number 39 and named 'Happy', both accessible from independent entrances to them in Triq Clarence, Msida;

iii. the building block with its whole airspace and underlying ground consisting of a maisonette situated in the ground floor with official number 35 and known as 'Saint Joseph', and a maisonette on the first floor with official number 33 and named 'Saint Mary', both accessible from independent entrances in Triq Clarence, Msida. The latter is leased to Alfred and Mary spouses Mercieca by means of a lease agreement prior to 1995;

iv. the garage with official number 31 and named 'Gregory Garage', with its whole airspace and underlying ground, accessible from an entrance in Triq Clarence, Msida, which garage is found leased to Alex Gregory by means of a lease agreement prior to the year 1995; and

v. the building block with its whole airspace and underlying ground consisting of two garages with official numbers 25 and 27 respectively, and a maisonette on the first floor with official number 29 and named 'Muscat Flats', which garages are accessible from an independent entrance in Triq Clarence, and the maisonette accessible from an independent entrance in Triq Clarence, Msida. The garage with official number 25 is leased to Alex Gregory by means of a lease agreement before the year 1995;

3. Illi l-imsemmija porzjon diviż ta' art li fuqha hemm mibnija dawn l-immobbli ġiet akkwistata minn Carmelo Muscat matul iż-żwieġ tiegħu ma' Maria Muscat née Vassallo bħala parti minn porzjon ta' art ikbar akkwistata permezz ta' tliet atti separati ossija:

i. porzjon diviż ta' art formanti parti mill-għalqa msejħa Ta' Bordin, fi Triq Clarence, Gwardamanġa limiti tal-Imsida b'faċċata fuq Triq Clarence, tal-kejl ta' ċirka tlieta u sebgħin (73) qasba kwadra (320.69m²), suġġett għaċ-ċens u s-subċens annwu u temporanju ta' tlett (3) liri Sterlini u tlettax (13) -il xelin pagabbli lil Giovanni Bezzina, permezz tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt datat l-4 ta' Marzu, 1945,

ii. porzjon diviż ta' art formanti parti mill-istess għalqa tal-kejl ta' ċirka mitejn u sittax-il (216) qasba kwadra (948.88m²), suġġett għaċ-ċens u s-subċens annwu u temporanju ta' għaxar (10) liri Sterlini u sittax-il (16) xelin pagabbli lil Giovanni Bezzina, permezz tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt datat it-30 ta' Marzu,1951, u

iii. porzjon diviż ta' art formanti parti mill-istess għalqa tal-kejl ta' ċirka erbgħa u ħamsin (54) qasba kwadra (237.114m2), suġġett għaċ-ċens u s-subċens annwu u temporanju ta' żewġ (2) liri Sterlini u erbatax-il (14) xelin pagabbli lil Carmelo Formosa, permezz tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat is-27 ta' Mejju, 1959.

L-imsemmija mmobbli ġew mibnija minn Carmelo Muscat stess;

4. Illi mart Carmelo Muscat, l-imsemmija Maria Muscat, mietet fil-5 ta' Mejju, 1971, fil-waqt li Carmelo Muscat miet fil-31 ta' Lulju, 2001;

5. Illi l-assi ereditarji kollha tad-defunti Carmelo Muscat u Maria Muscat iddevolvew fuq it-tmint uliedhom, ossija fuq ir-rikorrenti Carmela Vella, Salvina Lauria, Grace Magri, Alfred Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat, fuq l-intimata assenti Josephine Marden, u fuq l-aħwa l-oħra, illum defunti, John Muscat u George Muscat, u dan f'ishma indaqs bejniethom;

6. Illi permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà datat il-21 ta' Marzu, 2009, ir-rikorrenti Carmela Vella, Salvina Lauria u żewġha Spiridione Lauria, Grace Magri, Alfred Muscat u martu Dolores Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat u martu Angiolina sive Juliette Muscat, l-intimata Josephine Marden, u l-aħwa l-oħra, illum defunti, Giovanni sive John Muscat u George Muscat, kif ukoll mart George Muscat, id-defunta Jane sive Giovanna Muscat, ilkoll flimkien bejniethom akkwistaw

3. That the said divided portion of land on which these immovables are built was acquired by Carmelo Muscat during his marriage with Maria Muscat née Vassallo as part of a larger portion of land acquired by means of three separate acts or rather:

i. a divided portion of land forming part of the field known as Ta 'Bordin, in Triq Clarence, Gwardamanġa limits of Msida with a facade on Triq Clarence, measuring approximately seventy three (73) square canes (320.69m²), subject to the annual and temporary groundrent and sub-groundrent of three (3) pounds sterling and thirteen (13) shelters payable to Giovanni Bezzina, by means of a contract published in the records of Notary Joseph Gatt dated 4th March, 1945,

ii. a divided portion of land forming part of the same field measuring ċirka two hundred and sixteen (216) square rods (948.88m²), subject to the annual and temporary groundrent and sub-groundrent of ten (10) pounds sterling and sixteen (16) shelters payable to Giovanni Bezzina, by means of a contract published in the records of Notary Joseph Gatt dated 30th March, 1951, and

iii. a divided portion of land forming part of the same field measuring ċirka fifty four (54) square canes (237.114m2), subject to the annual and temporary groundrent and sub-groundrent of two (2) pounds sterling and fourteen (14) shelters payable to Carmelo Formosa, by means of a contract published in the records of Notary Joseph Tabone dated 27th May, 1959.

The said immovable were built by Carmelo Muscat himself;

4. That Carmelo Muscat's wife, the said Maria Muscat, died on the 5th May, 1971, whilst Carmelo Muscat died on the 31st July, 2001;

5. That all the inheritance assets of the deceased Carmelo Muscat and Maria Muscat devolved on their eight children, that is on the applicant Carmela Vella, Salvina Lauria, Grace Magri, Alfred Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat, on the absent respondent Josephine Marden, and on the other brothers, today deceased, John Muscat and George Muscat, and this in equal shares between them;

6. That by means of a contract published in the records of Notary Carmel Gafà dated 21st March, 2009, the applicant Carmela Vella, Salvina Lauria and her husband Spiridione Lauria, Grace Magri, Alfred Muscat and his wife Dolores Muscat, Judas Thaddeus sive Edwin Muscat and his wife Angiolina sive Juliette Muscat, the respondent Josephine Marden, and the other siblings, today the deceased, Giovanni sive John Muscat and George Muscat, as well as the wife of George Muscat, the deceased Jane sive Giovanna Muscat, all

mingħand Maria Bezzina is-subdirett dominju u s-subċens annwu u temporanju gravanti l-imsemmija mmobbli kollha, sabiex b'hekk ikkonsolidaw l-istess mas-subutili dominju temporanju fuq l-istess immobbli li ppervjenew lilhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom, id-defunti Carmelo Muscat u Maria Muscat;

7. Illi Giovanni sive John Muscat miet fis-16 ta' Frar, 2011, u s-sehem tiegħu mill-proprjetà inkwistjoni ddevolva fuq il-ħames uliedu, ir-rikorrenti Patricia Stellini, Julie Camilleri, Mary Azzopardi, George Muscat, u Trudie Muscat f'ishma ndaqs bejniethom. Permezz tat-testment ippubblikat fl-atti tan-Nutar Mary sive Mariella Mizzi datat it-22 ta' Frar, 2008, huwa ħalla b'titolu ta' legat lir-rikorrenti Anna Zammit, u b'titolu ta' prelegat lill-istess ħames uliedu rikorrenti, id-dritt li jipperċepixxu kull introjtu mill-bejgħ ta' kull proprjetà li ddevolviet fuqu mill-wirt ta' Carmelo u Maria Muscat;

8. Illi George Muscat miet fid-9 ta' Frar, 2019, u s-sehem tiegħu mill-proprjetà inkwistjoni ddevolva, in kwantu għan-nuda proprjetà fuq iż-żewġ uliedu r-rikorrenti Christopher George Muscat u Stephanie Muscat f'ishma ndaqs bejniethom, u inkwantu għall-użufrutt fuq martu Jane sive Giovanna Muscat. Permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar John Gambin datat is-6 ta' Diċembru, 2019, l-imsemmija Jane sive Giovanna Muscat itterminat id-dritt tagħha għall-użufrutt devolut fuqha mill-wirt ta' żewġha. Jane sive Giovanna Muscat mietet fil-5 ta' Jannar, 2023;

9. Illi għalhekk l-intimata għandha sehem indiviż ta' wieħed minn tmienja (1/8) mill-proprjetà inkwistjoni, ossija porzjon indiviż ta' tnax punt ħamsa fil-mija (12.5%), filwaqt li r-rikorrenti għandhom sehem indiviż ta' sebgħa minn tmienja (7/8) mill-istess proprjetà, ossija porzjon indiviż ta' sebgħa u tmenin punt ħamsa fil-mija (87.5%);

10. Illi permezz ta' konvenju tas-7 ta' April, 2022 ('Dok. B') kif emendat permezz tal-korrezzjoni tal-14 ta' Frar, 2023 ('Dok. C'), u kif sussegwentement estiż sal-14 ta' Diċembru, 2023 ('Dok. D'), magħmulin quddiem in-Nutar Dott. Chantelle Cassar, ġja Cauchi, ir-rikorrenti kollha ppromettew illi jbigħu, jassenjaw u jittrasferixxu lill-kumpanniji Excel Investments Limited (C81721) u 2 Aces Developers Limited (C99064), il-proprjetà inkwistjoni bl-arja libera tagħha u bis-sottoswol, bħala suġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju ta' ewro, sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1.57) pagabbli lill-Uffiċju Konġunt, bħala suġġetta għall-kundizzjonijiet kollha emanenti mill-konċessjoni enfitewtika oriġinali magħmula permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Giuseppe Rossi datat it-28 ta' Diċembru, 1897, bħala suġġetta għall-kirjiet sudeskritti, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, u dan versu l-prezz ta' żewġ miljuni u ħamsin elf ewro (€2,050,000) għall-intier tagħha, u taħt il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha hemm imfissra;

together acquired from Maria Bezzina the sub-direct dominium and the annual and temporary sub-groundrent burdening all the said immovables, thus consolidating the same with the temporary sub-utile dominium on the same immovables which perverted them from the inheritance of their parents, the deceased Carmelo Muscat and Maria Muscat;

7. That Giovanni sive John Muscat died on the 16th February, 2011, and his share of the property in question devolved on his five children, the applicants Patricia Stellini, Julie Camilleri, Mary Azzopardi, George Muscat, and Trudie Muscat in equal shares between them. By means of a will published in the records of Notary Mary sive Mariella Mizzi dated 22nd February, 2008, he left by title of legacy to the applicant Anna Zammit, and by title of legacy to the same five applicant children, the right to perceive any income from the sale of any property devolved upon him from the inheritance of Carmelo and Maria Muscat;

8. That George Muscat died on the 9th February, 2019, and his share of the property in question devolved, as regards the node property on his two children the applicants Christopher George Muscat and Stephanie Muscat in equal shares between them, and as regards the usufruct on his wife Jane sive Giovanna Muscat. By means of a contract published in the records of Notary John Gambin dated 6th December, 2019, the said Jane sive Giovanna Muscat terminated her right of usufruct devolved on her from the inheritance of her husband. Jane sive Giovanna Muscat died on 5th January, 2023;

9. That thus the respondent has an undivided share of one eighth (1/8) of the property in question, that is an undivided portion of twelve point five percent (12.5%), whilst the applicants have an undivided share of seven out of eight (7/8) of the same property, that is an undivided portion of eighty seven point five percent (87.5%);

10. That by means of a preliminary agreement of the 7th April, 2022 ('Doc. B') as amended by the correction of the 14th February, 2023 ('Doc. C'), and as subsequently extended till the 14th December, 2023 ('Doc. D'), made before Notary Dr Chantelle Cassar, previously 'Cauchi, all the applicants promised to sell, assign and transfer to the companies Excel investments Limited (C81721) and 2 Aces Developers Limited (C99064), the property in question with its own airspace and subsoil, as subject to the annual and temporary groundrent of euro, fifty seven cents (€1.57) payable to the Joint Office, as subject to all the conditions emanating from the original emphyteutical concession made by means of a contract published in the records of Notary Giuseppe Rossi dated 28th December, 1897, as subject to the leases above described, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, and this towards the price of two million and fifty thousand euro (€2,050,000) for its whole, and under all the terms and conditions therein defined;

11. Illi, madanakollu, l-intimata mhijiex taqbel dwar il-bejgħ mertu tal-istess konvenju;

12. Illi għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-proprjetà inkwistjoni ilha tinżamm in komun bejn il-kontendenti għal aktar minn tliet snin, u ħadd mill-istess kontendenti qatt ma beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-istess proprjetà;

13. Illi r-rikorrenti kollha jaqblu li għandu jsir il-bejgħ tal-proprjetà inkwistjoni skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha tal-konvenju tas-7 ta' April, 2022, kif estiż sa l-14 ta' Diċembru, 2023, u l-korrezzjoni tal-14 ta' Frar, 2023, u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tordna, ossija tawtorizza, il-bejgħ skont ma jridu r-rikorrenti, ossija skont ma jixtiequ l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li għandu kull komproprjetarju, il-komproprjetarja dissidenti, ossija l-intimata, mhijiex se tkun gravament preġudikata b'tali ordni;

14. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, tgħid l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

i. Tawtorizza l-bejgħ tal-utili dominju temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin (150) sena li beda jiddekorri fit-28 ta' Diċembru, 1897, ta' porzjon diviż ta' art tal-kejl ta' ċirka elf u sbatax-il metru kwadru (1,017m²) formanti parti mill-għalqa msejħa Ta' Bordin, fi Triq Clarence, Gwardamanġa limiti tal-Imsida, drabi oħra riferuta bħala limiti Tal-Pietà, bl-immobbli kollha kostruwiti fuqha u elenkati fil-paragrafu bin-numru 2 ta' dan ir-rikors, bl-arja libera tagħha u bis-sottoswol, bħala suġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' ewro, sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1.57) pagabbli lill-Uffiċju Konġunt, bħala suġġett għall-kundizzjonijiet kollha emanenti mill-konċessjoni enfitewtika oriġinali magħmula permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Giuseppe Rossi datat it-28 ta' Diċembru, 1897, bħala suġġetta għall-kirjiet sudeskritti, mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, skont il-konvenju tas-7 ta' April, 2022, kif estiż sa l-14 ta' Diċembru, 2023, u l-korrezzjoni tal-14 ta' Frar, 2023,

ii. Tistabbilixxi l-prezz jew korrispettiv ieħor għall-bejgħ tal-istess proprjetà okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi,

iii. Tistabilixxi l-ħin, il-jum u l-post, meta u fejn għandu jsir it-trasferiment,

iv. Taħtar nutar sabiex jippubblika l-att,

11. That, however, the respondent is not agreeing on the sale merit of the same preliminary agreement;

12. That for the purposes of the provisions of Article 495A of the Civil Code, the applicants declare that the property in question has been held in common between the parties for more than three years, and none of the same parties ever instituted an action before any court or tribunal for the partition of the same property;

13. That all the applicants agree that the sale of the property in question should be made according to all the terms and conditions of the preliminary agreement of the 7th April, 2022, as extended till the 14th December, 2023, and the correction of the 14th February 2023, and in case this Honourable Court orders, that is to authorise, the sale according to the wishes of the applicants, or rather according to the wishes of the largest number of co-owners in the size of the value of the shares held by each co-owner, the dissident co-owner, or rather the respondent, shall not be seriously prejudiced by such order;

14. That thus this proceedings had to be made.

Thus, the respondent is to state why this Honourable Court should not, saving any necessary and opportune declaration:

i. authorise the sale of the temporary utile dominium for the remaining period from one hundred and fifty (150 years commencing on the 28th December, 1897, of a divided portion of land measuring ċirka one thousand and seventeen square metres (1,017m²) forming part of the field known as Ta 'Bordin, in Triq Clarence, Gwardamanġa limits of Msida, other times referred to as limits of Tal-Pietà, with all the immovables built on it and listed in paragraph number 2 of this application, with its airspace and subsoil, as subject to the annual and temporary groundrent of euro, fifty seven cents (€1.57) payable to the Joint Office, as subject to all the conditions emanating from the original emphyteutical concession made by means of a contract published in the records of Notary Giuseppe Rossi dated 28th December, 1897, as subject to the above mentioned rents, otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, as per the preliminary agreement of the 7th April, 2022, as extended till the 14th December, 2023, and the correction of the 14th February, 2023,

ii. determine the price or other consideration for the sale of the same property if necessary by the operation of architects and appointed experts,

iii. determine the time, day and place, when and where the transfer is to take place,

iv. appoint a notary to publish the deed,

v. Taħtar kuratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji rikorrenti nfushom sabiex jirrappreżenta lill-komproprjetarja intimata fl-eventwalità li tonqos milli tidher quddiem in-nutar għall-kuntratt ta' trasferiment.

Bl-ispejjeż

Norval Desira, LLD
Melissa Anastasi, L.P.
68/69, Triq Melita, Il-Belt Valletta

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-20 ta' Marzu, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimata: Marden Josephine, 54, Apollo Drive, Hallett Cove, 5158, South Australia, Australia

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

v. appoint a curator, also from amongst the applicant co-owners themselves to represent the respondent co-owner in the event that she fails to appear before the notary for the contract of transfer.

With costs

Norval Desira, LLD
Melissa Anastasi, L.P.
68/69, Triq Melita, Valletta

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 20th March, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Marden Josephine, 54, Apollo Drive, Hallett Cove, 5158, South Australia, Australia

Registry of the Superior Courts, today 22nd February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

584

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Frar, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 261/23JPG fl-ismijiet Oleksandr Mikhieiev pro et noe vs Anastasiia Sadovska, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Anastasiia Sadovska a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Oleksandr Mikhieiev (KI 0132543A) f'ismu perosnali u bħala kuraturi ad litem ta' uliedu minuri … omissis … vs Anastasiia Sadovska (KI 133332A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 261/2023JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Novembru 2023, ir-rikorrenti Oleksandr Mikhieiev (KI 0132543A) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli lill-intimata u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment, u konsegwentement teżenta lir-rikorrenti mill-obbligu tal-koabitazzjoni;

2. Tistabbilixxi għall-finijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) id-data meta l-istess intimata għandha tkun kunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda minħabba l-adulterju, l-eċċessi , theddid u offiżi gravi minnha mwettqa tul iż-żwieġ bejn il-kontendenti;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, … omissis … , tiġi fdata eskulussivament f'idejn l-esponenti salv id-dritt ta' aċċess li din l-Onorabbli Qorti jkun jogħġobha takkorda

By means of a decree of the 8th February, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Oleksandr Mikhieiev pro et noe vs Anastasiia Sadovska, Application number 261/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anastasiia Sadovska in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 261/2023JPG in the names Oleksandr Mikhieiev (ID 0132543A) in his own name and as curator ad litem of his minor children … omissis … vs Anastasiia Sadovska, filed in the Civil Court (Family Section), on the 17th November, 2023, the applicant Oleksandr Mikhieiev (ID 0132543A) requested this Honourable Court to:

1. Declare the personal separation between the parties for grievous faults, solely attributable to respondent and because the marriage has irretrievably broken down and consequently to exempt applicant from the obligation of cohabitation;

2. Establish for purposes of Article 48 of the Civil Code (Cap 16) the date when respondent should be considered as being responsible for the separation because of adultery, excesses, threats and grievous injuries committed during the marriage between the parties;

3. Order that the care and custody of the minor children … omissis … be entrusted exclusively to the applicant, save for the right of access to the children which Honourable

lill-intimata għall-istess minuri. Fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ jiġi umilment rilevat illi jissussistu raġunijiet suffiċjenti sabiex l-istess aċċess jinżamm taħt superviżjoni kontinwa u dan fl-aħjar interess u għall-protezzjoni tal-imsemmija minuri;

4. Tawtorizz lill-esponent sabiex jabita fid-dar matrimonjali, flimkien mal-ulied tal-partijiet … omissis …, ad esklużjoni tal-intimata jew, ai termini tal-Artikolu 55A tal-Kodiċi, tordna illi d-dar matriminonjali tiġi assenjata lill-istess esponent salv il-kumpens dovut lill-intimata għat-telf tagħha, liema kumpens ikun stabbilit occorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponent għall-minuri fuq indikati, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tiġi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-intimata lill-istess esponent fil-ġimgħa jew fix-xahar skont kif jiġi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u bi provvedimenti jekk ikun opportun għal żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja, jew jekk hekk jidher xieraq lil din l-istess Qorti, tordna lill-intimata sabiex tħallas lill-esponenti, minflok dak il-manteniment perjodiku jew parti minnu, somma globali u/jew tassenja proprjetà immobbli lill-esponenti illi fil-fehma tal-Qorti tkun ġusta u suffiċjenti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 54 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lit-tfal minuri fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-istess minuri, l-attendenza tagħhom għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u ekstrakurrikulari;

7. Tordna lill-intimata sabiex tħallas nofs l-ispejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet ekstrakurrikulari inkorsi mir-rikorrent għat-tfal minuri;

8. Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti, d-dispożizzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Tiddikjara illi l-intimata ddekadiet minn kull jedd sabiex tirċievi manteniment għall-bżonnijiet personali tagħha mingħand ir-rikorrenti;

10. Tiddikjara, occorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-oġġetti formanti parti mill-istess komunjoni jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet kif jiġi stabbilit u ordnat minn din l-Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lir-rikorrent u l-oħra lill-intimat, b'dan illi:

a) Id-dar matriminjali tiġi assenjata lill-esponent ad esklużjoni tal-intimata kif premess fir-raba' talba kontenuta fir-rikors odjern, u

Court may deem opportune to grant to the respondent. In the particular circumstance of the present case, it is humbly submitted that there subsist sufficient reasons for this access to be held under constant supervision and this in the best interest of and for the protection of the said minors;

4. Authorise applicant to reside in the matrimonial home, together with … omissis … children of the parties, to the exclusion of the respondent or, in terms of Article 55A of the Civil Code, order that the matrimonial home be assigned to the same applicant save for such compensation as may be due to the respondent for the financial loss suffered to be determined with the assistance of court experts should this be required;

5. Order respondent to pay applicant the adequate and appropriate alimony for the children as established by this Honourable Court, which alimony would be payable weekly or monthly to applicant, as ordered by this Honourable Court, and with provisions for periodical increases, if necessary, to cover the cost of living, or if this Honourable Court so deems fit, instead of such periodic maintenance or part thereof to order respondent to pay applicant a global amount and/or assign immovable property to applicant which court should consider just and sufficient by applicant of Article 54 of Cap. 16 of the Laws of Malta;

6. Give all such directions as may be necessary and opportune and as may concern the minor children, including but not limited to the regulation of the minors travel abroad, their attendance at school and for other educational and extra-curricular activities.

7. Order respondent to pay half of the expenses related to health, education and extra-curricular activities incurred by applicant for the minor children;

8. Apply in respect of respondent, the dispositions of Articles 48 to 53 of Cap. 16 of the Laws of Malta, either in their entirety or in part;

9. Declare that the respondent has forfeited all rights to receive maintenance from applicant for her personal néeds;

10. Declare, if necessary through the nomination of court experts, the dissolution and consequent liquidation of the community of acquests between the parties and order that items forming part of the community be divided into two portions as determined by this Honourable Court, with applicant and respondent receiving a share each, such that:

a) The matrimonial home be assigned to applicant to the exclusion of respondent as contemplated in the fourth claim contained in this application, and

b) Tittieħed inkunsiderazzjoni d-data illi tkun stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-ewwel talba, ċjoè d-data meta l-intimata għandha tkun kunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda tal-kontendenti u dan għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-istess intimata, u

c) Tillikwida l-krediti tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-intimata u kf ukoll tikkundanna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi favur il-komunjoni tal-akkwisti dawk l-ispejjeż kollha inkorsi b'konsegwenza tat-tortijiet direttament imputabbli lilha kif fuq premess, inkluż però mhux limitat għal (i) l-ispejjeż mediċi inkorsi bħala riżultat dirett tal-problema tax-xorb illi l-intimata rrifjutat illi għaliha tirċievi trattament, b'dan illi tali problema kompliet taggrava ruħha għad-detriment tal-intimata nnifisha u fuq kollox tas-sigurtà tat-tfal minuri; u (ii) l-ispejjeż inkorsi bħala konsegwenza tal-inċident illi kellha l-intimata bil-vettura formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bħala riżultat tal-problema tax-xorb illi minnha tbati; (iii) l-introjtu illi ntilef għad-detriment tal-komunjoni bħala kawża tal-instabbilità u l-perikolu illi ħolqot l-intimata ġewwa d-dar matrimonjali; u (iv) l-ispejjeż magħmula mill-intimata mill-fondi tal-komunjoni inkonnessjoni mar-relazzjonijiet adulteri tagħha, inkluż spejjeż ta' vjaġġi magħmula ma' terzi;

11. Tordna lill-intimata sabiex tikkonsenja lill-esponent il-beni/krediti dotali u parafernali kollha tiegħu u tordna illi l-esponenti jiġi mogħti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;

12. Tawtorizza lill-esponent illi tirreġistra ossija tniżżel fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u fl-atti tad-digrieti li ngħataw fil-medjazzjoni kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Oleksandr Mikhieiev pro et noe vs Anastasiia Sadovska (Rikors numru 261/2023JPG) hija differita għat-8 ta' April, 2024, fid-9.30 a.m.

Rikorrenti: 100, LA Fayette Court, Odessa D3, Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru, Iż-Żejtun

Notifika: 47, Outer Heaven, Flat 2, Triq F. Zahra, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 8 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b) Taking into consideration the date to be determined by this Honourable Court in terms of the first claim, that is, the date when respondent should be considered as guilty of the separation between the parties, and this for the purposes of the application of the provisions of Articles 48 to 53 of the Civil Code against respondent, and

c) Liquidate the credits of the community of acquests against the respondent, as well as ordering the said respondent to refund in favour of the community of acquests those expenses incurred as a result of the faults which are directly attributable to her as stated above, including but not limited to (i) the medical expenses incurred as a direct result of her alcoholism for which respondent refused to receive treatment such that this problem aggravated further, to the detriment of respondent herself and above all of the safety of the minor children; and (ii) the expenses incurred as a consequence of the accident suffered by respondent whilst using the vehicle which forms part of the community of acquests, and this as a result of her drinking problem; and (iii) the income lost to the detriment of the community as a result of the instability and the danger which respondent caused in the matrimonial home; and (iv) the expenses incurred by respondent and which were taken from the community in connection with her adulterous relationships, including expenses for travel with third parties;

11. Order the respondent to return to applicant all his paraphernal assets/credit and dower and order that applicant be given full administration of his paraphernal property;

12. Authorise applicant to register at the Public Registry the judgement eventually given by this Honourable Court.

With costs, including those incurred during the mediation stage and allacts relating to decrees given during mediation, to be borne by respondent who is hereby summoned to give evidence by referral.

The application in the names Oleksandr Mikhieiev pro et noe vs Anastasiia Sadowska, Application number 261/2023JPG has been postponed for hearing to the 8th April, 2024, at 9.30 a.m.

Applicant: : 100, LA Fayette Court, Odessa D3, Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru, Żejtun

Notifiction: 47, Outer Heaven, Flat 2, Triq F. Zahra, Birkirkara

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 8th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

585

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Jannar, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors ġenerali fl-ismijiet Marcon Bugeja et vs Isaura Magri fl-atti tar-Rikors Ġenerali numru 578/2023JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Isaura Magri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors ġenerali numru 578/2023 fl-ismijiet Marcon Bugeja (KI 016900L) u Dwayne Spiteri (KI 0167295M) vs Isaura Magri (KI 472988M), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fil-31 ta' Ottubru, 2023, ir-rikorrenti Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza lir-rikorrenti Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri japplikaw għal passaport tal-minuri … omissis … waħedhom u dan mingħajr il-kunsens ta' Isaura Magri;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri jiġbru il-passaport tal-minuri … omissis … waħedhom u dan mingħajr il-kunsens jew preżenza ta' Isaura Magri;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri sabiex dejjem iżommu passaport validu tal-minuri … omissis … u f'dan is-sens dejjem japplikaw għal tali passaport meta l-passaport ikun wasal biex jiskadi.

Rikorrenti: Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri, 11, Swallows, Triq is-Sliem, Il-Marsa

Notifika: Isaura Magri, A3 Towers, Blk A2, Fl204, Triq Ninu Cremona, Paola

Qorti (Sezzjoni tal-Familja), L-Onor. Imħallef Jaqueline Padovani Grima, LLD, LLM, (IMLI)

Rikors Ġenerali numru 578/2023JPG

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi tal-31 ta' Ottubrun 2023;

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti bi dritt ta' risposta fi żmien ġimgħa.

Illum 7 ta' Novembru, 2023

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 8 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 19th January, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Marcon Bugeja et vs Isaura Magri, in the General Application number 578/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Isaura Magri in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the general application number 578/2023JPG in the names Marcon Bugeja (ID 0016900L) and Dwayne Spiteri (ID 0167295M) vs Isaura Magri (ID 472988M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 31st October, 2023, the applicants Marcon Bugeja and Dwayne Spiteri requested this Honourable Court such that:

1. Authorise the applicants Marcon Bugeja and Dwayne Spiteri to apply for a passport of the minor … omissis … alone and this without the consent of Isaura Magri;

2. Authorise the applicants Marcon Bugeja and Dwayne Spiteri to collect the passport of the minor … omissis … alone and this without the consent or presence of Isaura Magri;

3. Authorise the applicants Marcon Bugeja and Dwayne Spiteri to always keep a valid passport of the minor … omissis … and in this sense always apply for such passport when the passport is about to expire.

Applicants: Marcon Bugeja u Dwayne Spiteri, 11, Swallows, Triq is-Sliem, Marsa

Notification: Isaura Magri, A3 Towers, Blk A2, Fl204, Triq Ninu Cremona, Paola.

